**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT**
**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**ILLUM 28 TA' MEJJU 2015**

**Spettur**
**Arhtur Mercieca**
**VS**
**Leoandross Cutajar**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Leandros Cutajar ta' 30 sena, bin Carmelo u Alfreda nee' Bonnet, mwieled Peta' fid-29 ta' Lulju 1984, residenti Dar Sant Anna, Triq Porzjunkola, Naxxar u detentur tal- Karta tal- Identita' bin- numru 389684M;

Talli;

1) Fit-2 ta' Lulju 2006 gewwa Kalkara, bejn 00.05am u s-7.00am ikkommetta serq ta' apparat tas-sound minn gewwa vettura TON 379 ghad- dannu ta' Mary Jo Azzopardi u/jew persuni ohra liema serq ma jeccedix €239.24, izda huwa ikkwalifikat, bil- hin, bil- mezz u bix- xorta tal- haga misruqa;

2) Aktar talli fl- istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkommetta hsara volontarja fuq il-vettura TON 379 ghad- dannu ta' Mary Jo Azzopardi u/jew persuni ohra liema hsara ma teccedix €250;

3) Aktar talli fil-lejl ta' bejn it-23 ta' Awwissu 2006 u l- 24 ta' Awwissu 2006 gewwa Hal-Tarxien, ikkommetta serq ta' apparat tas- sound minn gewwa vettura IBC 512 ghad- dannu ta' Christopher Mifsud u/jew persuni liema serq ma jeccedix €239.24 izda huwa kkwalifikat bil-hin, bil- mezz u bix- xorta tal- haga misruqa;

4) Aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ikkommetta hsara volontarja fuq il- vettura IBC 512 ghad- dannu ta' Christopher Mifsud u/jew persuni ohra liema hsara ma teccedix €250;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar istadju bikri f'dawn il-proceduri, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi, u wara li l-imputat gie mwissi solennement minn din il-Qorti dwar il-konsegwenzi li din l-ammissjoni setghet iggib maghha;

Rat illi, ghalhekk, il-Qorti setghet tghaddi minnufih ghas-sentenza;

**Ikkunsidrat;**

Wara li rat l- Artikoli 261, 263(a), 271(g), 278(1), 278(2) u 325(1)(c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni din il-Qorti ssib lill-imputat hati u ghaldaqstant tordna li l-imputat jitqieghed taht Ordni ta' Probation ghal tlett (3) snin ai terminu tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal- Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**
**MAGISTRAT**